Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9787 — Česká spořitelna/Československá obchodní banka/Komerční banka/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 238/05)

1. Fl-10 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Česká spořitelna, a.s. (CS, iċ-Ċekja), li tappartjeni għall-Bank Erste Group AG (l-Awstrija),

— Československá obchodní banka, a.s. (ČSOB, iċ-Ċekja), li jappartjeni għall-Grupp KBC (il-Belġju),

— Komerční banka, a.s. (KB, iċ-Ċekja), li jappartjeni għall-Grupp Société Générale (Franza).

CS, ČSOB u KB jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (il-"JV", iċ-Ċekja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CS: hija kumpanija bankarja li topera fiċ-Ċekja, li tipprovdi servizzi bankarji u finanzjarji lil individwi, impriżi żgħar u ta' daqs medju, muniċipalitajiet u entitajiet oħra tas-settur pubbliku kif ukoll lil korporazzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji multinazzjonali.

— ČSOB: hija kumpanija bankarja li topera fiċ-Ċekja. ČSOB toffri prodotti u servizzi bankarji lil kull grupp ta' klijenti, jiġifieri individwi, SMEs u lil klijenti korporattivi u istituzzjonali.

— KB: hija kumpanija bankarja li topera fiċ-Ċekja u fiż-ŻEE, li tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi bankarji bl-imnut, korporattivi u ta' investiment.

— Il-JV se tipprovdi servizzi ta' identifikazzjoni elettronika fiċ-Ċekja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9787 — česká spořitelna/Československá obchodní banka/Komerční banka/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË